*l-Avukat Ġenerali għandu diskrezzjoni fil-mod kif jagħżel li jipproċedi fil-każ ta' żewġ persuni li jkunu meqjusa li huma ko-awturi jew kompliċi fl-istess reat, u għalhekk ma jistax jingħad li f'dan il-każ l-eżerċizzju ta' din id-diskrezzjoni kien wieħed arbitrarju –fin-nuqqas ta' spjegazzjoni ċara dwar ir-raġuni għalfejn il-prosekuzzjoni għażlet li tipproċedi kontra r-rikorrenti u kontra ko-akkużat taħt l-istess att ta' akkuża, għajr għas-soliti raġunijiet ta' ekonomija tal-ġudizzju, u in vista tal-konsegwenza ta' din id-deċiżjoni, li ser twassal biex il-ko-akkużat ma jkunx jista' jixhed fil-proċeduri kontra r-rikorrenti, din il-Qorti tqis li ser jinħoloq preġudizzju għar-rikorrenti, liema preġudizzju jista' jiġi evitat bis-separazzjoni tal-proċeduri kontra l-ko-akkużati*

MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2021

Rikors Kostituzzjonali Numru 18/2020 LM

**Priscilla Cassar (K.I. 60982M)**

**vs.**

**Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti,**

1. Rat ir-Rikors imressaq fl-24 ta' Jannar, 2020 mir-rikorrenti **Priscilla Cassar (K.I. 60982M)** (minn issa "r-rikorrenti") fejn issottomettiet dan li ġej:

*Illi bl-att tal-akkuża numru 7 tal-2015, l-Avukat Ġenerali akkuża lill-esponenti, fl-ewwel kap tiegħu, talli assoċjat ruħha ma' persuna jew persuni oħra f'Malta jew ma' persuna jew persuni oħra barra minn Malta sabiex timporta, tbiegħ jew tittraffika mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza*

*dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwoviet, ikkostitwixxiet, organizzat jew iffinanzjat din l-assoċjazzjoni; u talli hija reċidiva f'delitti u, fit-tieni kap tiegħu, talli xjentement issoprimiet jew b'xi mod ieħor qerdet jew bidlet it-traċċi jew l-indizji ta' reat; u talli hija reċidiva f'delitti.*

*Illi fl-istess att ta' akkuża ġie wkoll akkużat, bir-reat imsemmi fl-ewwel kap, Angelo Bilocca.*

*Illi fit-terminu perentorju mogħti mil-liġi fil-paragrafu (ii) tas-subartikolu (2) tal-artikolu 438 tal-Kodiċi Kriminali l-esponenti indikat lill-ko-akkużat Angelo Bilocca bħala xhud tagħha. Dan ix-xhud huwa essenzjali u kruċjali għad-difiża tagħha. L-intimat Avukat Ġenerali qajjem eċċezzjoni dwar l-ammissibilità ta' Angelo Bilocca peress li huwa ko-akkużat fl-istess proċeduri.*

*Illi skont ir-regola deżunta* a contrariu sensu *minn dak li jipprovdi l-paragrafu (b) tal-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, persuna akkużata bil-parteċipazzjoni f'reat mhix produċibbli biex tixhed kontra ħaddieħor akkużat bl-istess reat sakemm il-każ tagħha ma jiġix definittivament deċiż.*

*Illi b'sentenza tas-16 ta' Ottubru, 2018, il-Qorti Kriminali ddisponiet minn din il-vertenza billi ddikjarat li d-deċiżjoni dwarha għandha tittieħed waqt is-smigħ tal-ġuri. L-esponenti kienet appellat minn din is-sentenza u, fir-raba' aggravju tagħha, talbet lill-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex tidderiġi lill-Avukat Ġenerali jsib mezz biex jassigura li Angelo Bilocca jkun jista' jixhed fil-kawża fil-konfront tagħha. Dik il-Qorti ċaħdet dan l-aggravju fis-sentenza tagħha tas-16 ta' Ottubru, 2019.*

*Illi dan kollu neċessarjament ifisser li d-deċiżjoni dwar l-ammissibilità ta' Angelo Bilocca bħala xhud fil-konfront tal-esponenti ser tittieħed waqt il-ġuri. U dan ifisser ukoll li, in vista tal-interpretazzjoni mogħtija mid-dottrina u mill-ġurisprudenza dwar il-paragrafu (b) tal-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, l-unika triq li ser ikollha l-Qorti Kriminali hu li tiddikjara x-xhud bħala inammissibbli.*

*Illi l-intimat Avukat Ġenerali, fil-parti narrattiva tal-ewwel kap tal-att tal-akkuża, għoġbu jallega li l-esponenti ddeċidiet illi tibda tmexxi u tittraffika fid-droga kokaina u li ftiehmet ma' persuni oħra, ġewwa u barra minn Malta, sabiex tiġi provduta lilha ammont konsiderevoli ta' kokaina bil-għan li tiġi traffikata minnha.*

*Illi l-esponenti kienet, permezz ta' waħda mill-eċċezzjonijiet preliminari minnha mogħtija, oġġezzjonat għal dawn il-fatti konġetturati peress li ma kinux jirriżultaw mill-istruttorja iżda, in linea mal-ġurisprudenza kopjuża dwar il-funzjoni tal-Qorti Kriminali fl-istadju tal-eċċezzjonijiet preliminari, l-istess Qorti Kriminali ċaħdet l-eċċezzjoni relattiva u din id-deċiżjoni ġiet konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali.*

*Illi din il-ġurisprudenza tfisser li l-intimat Avukat Ġenerali jista', liberament u bil-konsapevolezza li l-operat tiegħu ma jistax jiġi sindakat qabel il-ġuri, jikkonġettura fatti li ma jirriżultawx mil-atti tal-istruttorja. Huwa evidenti li din il-ġurisprudenza qatt ma kienet intiża sabiex tagħti* carte blanche *lill-akkużatur tagħha li jikkonġettura fatti sabiex jissodisfa r-rekwiżiti tal-att tal-akkuża kif elenkati fl-artikolu 589 tal-Kodiċi Kriminali.*

*Illi, fi kwalunkwe każ, l-esponenti hija konxja mill-fatt li issa trid tiddefendi ruħha mill-akkużi addebitati kontra tagħha. U sabiex tagħmel dan tesiġi x-xhieda tal-ko-akkużat Angelo Bilocca li, da parti tiegħu, prevja l-intoppi tar-regoli tal-evidenza spjegati aktar 'il fuq, huwa ben dispost li joffri x-xhieda tiegħu f'dan ir-rigward.*

*Illi bid-deċiżjoni insindakabbli tiegħu li jakkuża lill-esponenti u lil Angelo Bilocca fl-istess att ta' akkuża, l-intimat Avukat Ġenerali qiegħed arbitrarjament jimpedixxi lill-esponenti milli tipproduċi xhud li, kif ingħad, huwa essenzjali u kruċjali għad-difiża tagħha. Dan huwa, bl-akbar rispett, leżiv tad-dritt tagħha għal smigħ xieraq.*

*Illi r-regoli kontenuti fl-artikoli 591 sa 595 tal-Kodiċi Kriminali huma ċari fil-portata tagħhom u huwa evidenti li d-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali kif jakkuża hija kważi assoluta. Jingħad kważi assoluta għaliex jeżistu ċerta ċirkostanzi eċċezzjonali, li ma japplikawx għal dan il-każ, fejn tali diskrezzjoni tista' tiġi, sa ċertu punt, kontrollata mill-Qorti. Huwa però indubitat li l-akkużat li jkun ma għandu assolutament ebda jedd li jintervjeni formalment f'din id-diskrezzjoni, anke jekk tali diskrezzjoni tiġi eżerċitata a detriment tad-dritt tiegħu ta' smigħ xieraq.*

*Illi f'dan il-każ l-Avukat Ġenerali mhux biss qiegħed jikkonġettura fatti li ma rriżultawx mill-atti tal-istruttorja, iżda addirittura qiegħed, bl-użu tad-diskrezzjoni tiegħu, jipprekludi lill-esponenti li tipproduċi xhud sabiex tirribatti tali konġetturi u, fuq kollox, jippreklendiha milli tipproduċi xhud essenzjali u kruċjali għad-difiża tagħha.*

*Illi fis-sentenza tas-16 ta' Ottubru, 2019, il-Qorti tal-Appell Kriminali, wara li għamlet referenza għas-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet* ***Il-Maestà Tiegħu r-Re vs Joseph Vella et*** *(17.10.1946 – Kollez. XXXII.iv.638), osservat li r-*raison d'etre *wara d-deċiżjoni jekk għandux ikun hemm is-separazzjoni o meno ma għandux iwassal sabiex iġib aggravament lill-pożizzjoni ta' xi akkużat għaliex hekk ikun qed jiġi favorit akkużat wieħed għad-detriment tal-ieħor. F'dan il-każ, a differenza tal-każ li wkoll saret referenza għalih (****Anthony Bugeja vs l-Avukat Ġenerali et*** *(03.02.2014) – Qorti Kostituzzjonali), lanqas ma hemm xi kwistjoni ta' akkużat li qed jiġi favorit a detriment tal-ieħor. Il-kwistjoni hija ferm aktar sempliċi billi ma hemm assolutament ebda ostakolu proċedurali jew strateġiku li jimpedixxi lill-intimat Avukat Ġenerali juża d-diskrezzjoni tiegħu b'mod li jassigura li l-esponenti jkollha smigħ xieraq.*

*Għaldaqstant l-esponenti, għar-raġunijiet premessi, titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tiddikjara li bil-mod l-intimat Avukat Ġenerali qiegħed jakkużaha flimkien ma' Angelo Bilocca qed jikser jew x'aktarx ser jikser id-dritt tagħha għal smigħ xieraq kif sanċit mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;*

2. *Tagħti d-direttivi kollha sabiex jiġu sanċiti d-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali tal-esponenti kif protetti mill-istess Kostituzzjoni u Konvenzjoni;*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimat li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni.*

2. Rat ir-Risposta tal-intimat **Avukat Ġenerali** (minn issa 'l quddiem "l-intimat Avukat Ġenerali"), li ġiet ippreżentata fit-18 ta' Frar, 2020, li eċċepixxa:

1. *Illi r-rikorrenti qed tilmenta mid-deċiżjoni li hi tiġi akkużata flimkien mal-ko-akkużat l-ieħor Angelo Bilocca u li dan huwa ta' preġudizzju għaliha peress li fil-lista tax-xhieda għas-smigħ tal-ġuri indikat proprju lil Angelo Bilocca bħala wieħed mix-xhieda tagħha. Dan l-ilment huwa mibni fuq dak li tistipula l-liġi stess u ċioe li akkużat ma jistax jiġi mġiegħel jixhed f'kawża jekk b'dak li jgħid jista' jinkrimina lilu nnifsu peress li għandu dejjem id-dritt għas-silenzju u f'każ li jixhed ix-xhieda tiegħu tiswa għalih biss.*
2. *Preliminarjament, l-esponent jemmen li l-azzjoni tar-rikorrent hija għal kollox intempestiva. Dan għaliex kif tajjeb intqal mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza* ***Morgan Ehi Egbomon vs Avukat Ġenerali*** *maqtugħa fis-16 ta' Marzu, 2011, ladarba f'dan il-każ il-proċess kriminali għadu ma ġiex mismugħ u mitmum, s'issa għadu mhux magħruf kif u taħt liema ċirkostanzi hi sejra tiġi żvantaġġata waqt is-smigħ tagħha. Jiġi b'hekk, li f'dan l-istadju tal-proċeduri mhuwiex indikattiv li l-ilment tar-rikorrent jiġi diskuss u trattat* in vacuo *u b'hekk din l-Onorabbli Qorti hija mitluba biex ma teżerċitax is-setgħat kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha. F'dan il-kuntest huwa stabbilit anke f'ġurisprudenza konsistenti, li biex tinsab leżjoni tas-smigħ xieraq kif imħares taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, huwa meħtieġ li l-proċess ġudizzjarju jiġi eżaminat fil-kumpless tiegħu kollu. Allura l-ilment ta' nuqqas ta' smigħ xieraq imqanqal mir-rikorrent jista' biss jiġi eżaminat ladarba l-proċess kriminali jiġi konkluż.*

*Illi sabiex jiġu applikati l-elementi tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jridu tabilfors jitqiesu l-fatturi proċesswali partikolari tal-każ, b'mod illi biex wieħed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, wieħed irid iqis il-proċess kollu kemm hu, magħduda magħhom l-imġiba tal-Qorti li tkun u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mħarsin mill-istess qorti (ara* ***Fenech vs Avukat Ġenerali*** *deċiża fl-4 ta' Awwissu, 1999 – Vol. LXXXIII.i.213). Wieħed ma jistax u ma għandux jiffoka fuq biċċa biss mill-proċess sħiħ ġudizzjarju biex minnu, jekk isib xi nuqqas jew għelt, jasal għall-konklużjoni li tabilfors seħħ ksur tal-jedd tas-smigħ xieraq (****Pullicino vs Onor. Prim Ministru et*** *deċiża fit-18 ta' Awwissu, 1998 – vol. LXXXII.i.158).*

*Ladarba l-proċeduri kriminali għadhom pendenti, allura r-rikorrenti tgawdi mis-salvagwardji kollha tal-proċess ġudizzjarju. Jiġi b'hekk li l-ilment ta' nuqqas ta' smigħ xieraq jista' jiġi eżaminat biss ladarba l-proċess kriminali tiegħu jiġi konkluż;*

3. *Illi marbut sfiq mal-ewwel eċċezzjoni preliminari għandu jiġi rilevat ukoll li l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tas-16 ta' Ottubru, 2019 diġà esprimiet ruħha dwar dan il-punt u tat direzzjoni ċara fis-sens li l-kwistjoni dwar jekk Angelo Bilocca għandux jixhed jew le hija waħda li trid tiġi neċessarjament dibattuta waqt is-smigħ tal-ġuri. Anke għaliex ħadd ma jaf x'inhi l-intenzjoni ta' Angelo Bilocca. Għalhekk ġialadarba l-Qorti ta' kompetenza penali ddeċidew dan il-punt mela allura r-rikorrenti ma tistax tiftaħ kawża kostituzzjonali biex dak li ġie deċiż minn Qrati oħra jiġi rivedut jew imħassar.*

4. *Illi in kwantu għal dak li jirrigwarda l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, l-esponenti jibda biex jissottometti li l-artikolu 6 tal-Kostituzzjoni ta' Malta* (sic!) *jipprovdi li sabiex jiġi garantit id-dritt għal smigħ xieraq, is-smigħ għandu jsir fi żmien raġonevoli, u jinstemgħa minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. L-artikolu 6(1) jipprovdi wkoll li s-smigħ għandu jkun pubbliku u għandu jkun quddiem tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. L-esponenti jirrileva illi ma sar xejn matul il-proċess relattiv għar-rikorrenti li b'xi mod seta' jinċidi fuq id-dritt tar-rikorrenti ta' proċess ġust u wisq inqas saret xi influwenza lil min kellu jiġġudika.*

5. *Illi huwa inkonċepibbli kif ir-rikorrenti qiegħda tattakka dak li għamel l-esponent meta kull m'għamel l-Avukat Ġenerali huwa li mexa skrupulożament ma' dak li tgħid il-liġi u l-ġurisprudenza. Huwa loġiku u normali li jekk żewġ persuni jew aktar ikunu involuti fl-istess reat u fatti huma jiġu akkużati flimkien. Fuq kollox, il-mod kif għandu jiġi redatt l-att*

*t'akkuża huwa regolat mill-Kap. 9 u speċifikament skont l-artikolu 589* et sequitur. *Tant hu hekk li l-liġi stess tagħti s-setgħa lill-Avukat Ġenerali jakkuża żewġ persuni jew aktar flimkien fl-istess att t'akkuża.*

6. *Illi jeżistu salvagwardji biżżejjed fid-dritt proċedurali nostrali sabiex jovvjaw għal kull perikolu ta' intralċ ta' smigħ xieraq liema salvagwardji jiggarantixxu proċess xieraq u smigħ ġust.*

7. *Illi akkuża ma hijiex kundanna, u l-akkużat jibqa' jitqies innoċenti ta' dak li bih ġie mixli, ikunu xi jkunu l-akkużi, sakemm ma jkunx hemm deċiżjoni ġudizzjarja fuq il-ħtija jew l-innoċenza tiegħu. Xorta iżda jibqa' fuq il-prosekuzzjoni l-oneru li għal dawk l-akkużi tagħmel il-prova tagħhom lil hemm minn kull dubju raġonevoli, u waqt il-ġuri l-akkużat xorta jkollu kull opportunità li jressaq xhieda u jiddefendi ruħhu. Il-prinċipju ta'* equality of arms *ma jfissirx illi l-prosekuzzjoni u d-difiża jkunu f'pożizzjoni identika.*

8. *Illi l-Avukat Ġenerali għandu diskrezzjoni ta' kif jakkuża u jirrediġi att ta' akkuża però l-jeddijiet għal smigħ xieraq li għandha r-rikorrenti baqgħu mhux mittiefsa u kull ġuri jinstema' fuq il-merti tiegħu proprji u l-liġi għandha regoli li, meta mħaddma sewwa, jħarsu dan. Lanjanza simili ġiet deċiża mill-Qorti kostituzzjonali tagħna u għalhekk issir referenza għal kawża* ***Anthony Bugeja vs Avukat Ġenerali et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-3 ta' Frar, 2014 u l-prinċipji f'dik is-sentenza ġew konfermati fis-sentenza* ***Gordi Felice vs Avukat Ġenerali*** *tal-11 ta' Novembru, 2017.*

9. *Illi jsegwi li l-lanjanzi u t-talbiet kollha tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda.*

10. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

11. *Bl-ispejjeż.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Rat il-verbal tal-udjenza ta-20 ta' Novembru, 2020, fejn il-partijiet ingħataw l-fakultà li jagħmlu noti ta' sottomissjonijiet, u fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-partijiet.

**Provi u riżultanzi**

3. Permezz ta' nota ppreżentata fid-19 ta' Frar, 2020[1], ir-rikorrenti ddikjarat li ma kinitx ser tagħmel *affidavit* għaliex il-proċess kriminali fil-konfront tagħha għadu ma ġiex konkluż u għalhekk tixtieq teżerċita d-dritt tas-silenzju. Però permezz tal-istess nota r-rikorrenti ppreżentat l-*affidavit* ta' Angelo Bilocca, u talbet li l-proċess kriminali fl-ismijiet '**Ir-Repubblika ta' Malta *vs.* Angelo Bilocca u Priscilla Cassar'**, jiġi anness mal-atti ta' dawn il-proċeduri.

4. Fl-*affidavit* tiegħu **Angelo Bilocca**[2] qal li huwa m'għandu l-ebda oġġezzjoni li jixhed rigward il-ko-akkużata Priscilla Cassar fil-proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali fl-ismijiet '**Ir-Repubblika ta' Malta *vs.* Angelo Bilocca u Priscilla Cassar**' (Att ta' Akkuża numru 7/2015), u li huwa m'għandu l-ebda oġġezzjoni lanqas li l-proċess kriminali fil-konfront tiegħu jiġi deċiż qabel dak ta' Priscilla Cassar.

5. Permezz ta' nota ppreżentata fil-11 ta' Settembru, 2020, ir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali (Malta), ippreżenta vera kopja tal-atti tal-kawża fl-ismijiet '**Repubblika ta' Malta *vs.* Angelo Bilocca et**'.[3] Mill-atti jirriżulta li l-Avukat Ġenerali qiegħed jipproċedi kontra Angelo Bilocca u Priscilla Cassar wara li mill-investigazzjonijiet irriżulta li fit-3 ta' Ottubru, 2012, u fix-xhur ta' qabel din id-data, Angelo Bilocca u Priscilla Cassar iddeċidew li jibdew imexxu u jittraffikaw id-droga kokaina, u għal dan il-għan kienu ftiehmu ma' persuni oħra ġewwa u barra minn Malta sabiex dawn jipprovdu din is-sustanza f'ammonti konsiderevoli bil-għan li din tiġi ttraffikata mill-akkużati ġewwa

[1] *A fol.* 14 tal-proċess.
[2] *A fol.* 22 tal-proċess.
[3] *A fol.* 31 *et seq.* tal-proċess.

pajjiżna. L-Avukat Ġenerali spjega wkoll li bejn l-2009 u l-2011, Bilocca u Cassar kienu nstabu ħatja ta' diversi reati u għalhekk akkużahom talli huma reċidivi f'delitti, ħatja talli assoċjaw ruħhom ma' persuna jew persuni f'Malta jew ma' persuna jew persuni oħra barra minn Malta sabiex jimpurtaw, ibigħu jew jittraffikaw mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwovew, ikkostitwew, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assoċjazzjoni. Angelo Bilocca u Priscilla Cassar qegħdin jiġu akkużati wkoll talli huma ppruvaw jaħarbu minn fuq il-post sabiex jevitaw li jiġu arrestati, filwaqt li Priscilla Cassar hija akkużata li xjentement issoprimiet jew b'xi mod ieħor qerdet jew bidlet it-traċċi jew l-indizji ta' reat.

6. Il-Qorti rat il-kumplament tad-dokumenti li ġew ippreżentati, li fost l-oħrajn jikkonsistu fi provi, inkartamenti ta' mandati ta' sekwestru li saru fil-konfront kemm ta' Priscilla Cassar kif ukoll fil-konfront ta' Angelo Bilocca, u diversi dokumenti marbuta mal-proċess ġudizzjarju kriminali fil-konfront kemm ta' Angelo Bilocca kif ukoll ta' Priscilla Cassar. Minn dawn id-dokumenti, din il-Qorti ħadet stampa ċara kemm tal-akkużi li qiegħda tiffaċċja r-rikorrenti, kif ukoll tal-mod kif il-proċeduri ġudizzjarji kriminali qegħdin jitmexxew fil-konfront tagħha u ta' Angelo Bilocca.

7. **L-Assistent Kummissarju Dr Dennis Theuma** xehed quddiem din il-Qorti waqt l-udjenza tal-20 ta' Novembru, 2020[4], fejn spjega li fit-2 ta' Ottubru, 2012 huwa kien stazzjonat bħala Spettur tad-*Drug Squad* fuq titjiriet deħlin minn Spanja. Qal li dak iż-żmien il-Pulizija kellha tagħrif li kienu qegħdin jiġu *couriers* bid-droga moħbija fil-bagalja jew fuq il-persuna minn diversi bliet

[4] *A fol.* 1930 tal-proċess.

f'dak il-pajjiż, fosthom Valencia, Girona u Madrid. Qal li l-Pulizija kienet taf li kien hemm għadd ta' Niġerjani li kienu qegħdin jagħmlu dan ix-xogħol, u għalhekk l-uffiċjali tad-Dwana waqqfu Niġerjan partikolari, bl-isem ta' Paul Ofor waqt li kien dieħel Malta. Ix-xhud qal li xħin saret tfittxija fuq din il-persuna ma nstab xejn, u dan ġie segwit sakemm daħal f'lukanda partikolari. Ix-xhud qal li l-Pulizija kisbet *warrant* sabiex tagħmel tfittxija fuq persuna oħra li kienet alloġġata f'din il-lukanda, u fil-fatt instabet kilo sustanza bajdanija, li l-Pulizija ssuspettaw li kienet kokaina. Qal li saru xi arresti u l-persuni arrestati qablu li ssir *controlled delivery* sabiex jiġu identifikati l-persuni li d-droga kienet maħsuba għalihom hawn Malta. Qal li fil-fatt instab li d-destinatarji aħħarin ta' din is-sustanza kienu Angelo Bilocca u Priscilla Cassar. Qal li waqt li l-Pulizija kienu ser jinterċedu, Cassar ippruvat taħrab u taħbi l-affarijiet sakemm eventwalment din ġiet arrestata mill-Pulizija. Ix-xhud qal li aktar milli qiegħda titqies bħala xhud, Cassar hija meqjusa bħala kompliċi ma' Bilocca.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

8. Fir-rikors promotur, ir-rikorrenti tgħid li bl-Att tal-Akkuża numru 7/2015, l-Avukat Ġenerali akkużaha talli kienet assoċjat ruħha ma' persuna jew persuni oħra ġewwa u barra minn minn Malta sabiex timporta, tbigħ jew tittraffika mediċina u droga oħra bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwoviet, organizzat jew iffinanzjat din l-assoċjazzjoni, talli hija reċidiva f'delitti, talli ssoprimiet jew b'xi mod qerdet jew bidlet it-traċċi jew l-indizji ta' reat, u talli hija reċidiva f'numru ta' delitti. Ir-rikorrenti kompliet tispjega li fl-istess att ta' akkuża qiegħed jiġi akkużat ukoll Angelo Bilocca. Ir-rikorrenti spjegat li l-ko-akkużat Angelo Bilocca ġie indikat minnha bħala xhud, u x-xhieda tiegħu hija meqjusa bħala essenzjali u kruċjali għad-

difiża tagħha. Ir-rikorrenti spjegat kif minħabba d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 636(b) tal-Kodiċi Kriminali, persuna akkużata b'parteċipazzjoni f'reat ma titqiesx li hija produċibbli biex tixhed kontra ħaddieħor akkużat bl-istess reat, sakemm il-każ tagħha ma jiġix definittivament deċiż. Ir-rikorrenti spjegat li b'deċiżjoni tal-Qorti Kriminali tas-16 ta' Ottubru, 2018, il-Qorti ddeċidiet li d-deċiżjoni dwar l-ammissibilità ta' Bilocca bħala xhud għandha tittieħed waqt il-ġuri, u din id-deċiżjoni ġiet ikkonfermata wkoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali li f'deċiżjoni li ngħatat fis-16 ta' Ottubru, 2019. Ir-rikorrenti qalet li dan ifisser li d-deċiżjoni dwar l-ammissibilità ta' Angelo Bilocca bħala xhud fil-konfront tagħha ser tittieħed waqt il-ġuri, u bl-interpretazzjoni kostanti tal-artikolu 636(b) tal-Kodiċi Kriminali li tingħata mill-Qrati tagħna, l-unika deċiżjoni li tista' tieħu l-Qorti Kriminali f'dan ir-rigward hija li Angelo Bilocca mhuwiex xhud ammissibbli.

9. Ir-rikorrenti qalet li fil-fehma tagħha, l-akkużi mniżżla fl-att tal-akkuża jemanu minn fatti konġetturati mill-Avukat Ġenerali li ma jirriżultawx mill-istruttorja, u dan sar sabiex l-Avukat Ġenerali jissodisfa r-rekwiżiti tal-att tal-akkuża, kif elenkati fl-artikolu 589 tal-Kodiċi Kriminali. Qalet li sabiex hija tkun tista' tiddefendi ruħha minn dawn l-akkużi, għandha bżonn ix-xhieda ta' Angelo Bilocca, u bid-deċiżjoni li ħa l-Avukat Ġenerali li jakkuża lir-rikorrenti u lil Bilocca fl-istess att ta' akkuża, l-Avukat Ġenerali qiegħed jimpedixxi lir-rikorrenti milli tipproduċi xhud essenzjali u kruċjali għad-difiża tagħha. Qalet li l-mod kif l-Avukat Ġenerali għandu diskrezzjoni assoluta fil-mod kif jakkuża, ifisser li dan qiegħed juża d-diskrezzjoni tiegħu sabiex jipprekludi lir-rikorrenti milli tipproduċi xhud sabiex tirribatti l-konġetturi li qegħdin isiru dwarha. Permezz tar-rikors promotur, ir-rikorrenti talbet lil din il-Qorti tiddeċiedi li l-mod li bih l-Avukat Ġenerali qiegħed jakkużaha flimkien ma' Angelo Bilocca,

qiegħed jikser jew aktarx ser jikser id-dritt tagħha għal smigħ xieraq kif sanċit bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Talbet lil din il-Qorti tagħti wkoll dawk id-direttivi kollha sabiex jiġu sanċiti d-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali tagħha kif protetti mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea.

10. L-intimat Avukat Ġenerali fir-risposta tiegħu wieġeb li hija l-liġi stess li tipprekludi akkużat milli jixhed f'kawża, jekk b'dak li jkun ser jgħid jinkrimina lilu nnifsu, u huwa għalhekk li l-akkużat għandu jedd għas-silenzju, u f'każ li dan jagħżel li jixhed, dik ix-xhieda tkun tiswa għalih biss. L-Avukat Ġenerali żied jgħid li l-kawża odjerna hija intempestiva għaliex il-proċess kriminali għadu ma ġiex mitmum u għalhekk għadu mhux magħruf ir-rikorrenti kif ser tiġi żvantaġġata bil-mod kif ser isiru l-proċeduri. Żied jgħid li biex jiġi stabbilit li hemm ksur tad-dritt għal smigħ xieraq, wieħed irid jara l-proċess ġudizzjarju kollu kemm hu u mhux jislet minnu parti jew episodju wieħed f'vakwu. L-intimat Avukat Ġenerali insista li wieħed m'għandux jiffoka biss fuq parti mill-proċess ġudizzjarju, u l-fatt li l-proċeduri għadhom pendenti jfisser li r-rikorrenti tgawdi mis-salvagwardji kollha tal-proċess ġudizzjarju. L-Avukat Ġenerali qal li l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 ta' Ottubru, 2019 diġà ddeċidiet li l-kwistjoni dwar jekk Angelo Bilocca għandux jixhed jew le trid tiġi deċiża waqt il-ġuri.

11. L-intimat Avukat Ġenerali spjega li l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi għall-jedd għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli u minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa bil-liġi, filwaqt li l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi għal smigħ pubbliku, quddiem tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf bil-liġi. L-intimat żied jgħid li minn dak li ntqal mir-rikorrenti, ma sar xejn bi ksur ta' d-dritt għal smigħ xieraq. Qal li

huwa normali u loġiku li meta żewġ persuni jew aktar ikunu involuti fl-istess reat, dawn jiġu akkużati flimkien, u akkuża m'għandhiex titqies bħala kundanna, għaliex l-akkużat jibqa' jitqies li huwa innoċenti sakemm ma jkunx hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar il-ħtija jew l-innoċenza tiegħu.

12. Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistħarreġ l-ilment tar-rikorrenti fl-isfond tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta (minn issa 'l quddiem "il-Kostituzzjoni") u tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (minn issa 'l quddiem "il-Konvenzjoni Ewropea"), u dan peress li l-lanjanza tar-rikorrenti hija proprju għaliex bid-deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali li joħroġ att ta' akkuża wieħed fil-konfront tagħha u ta' Angelo Bilocca, qiegħed jinkiser jew ser jinkiser id-dritt fundamentali tagħha għal smigħ xieraq kif protett bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea,

13. L-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi illi:

> *"(1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi."*
> ...
> *(5) Kull min jiġi akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm jiġi pruvat jew ikun wieġeb li huwa ħati:*
>
> *Iżda ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skont l-awtorità ta' xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu safejn dik il-liġi timponi fuq xi persuna akkużata kif intqal qabel il-piż tal-prova ta' fatti partikolari.*
>
> *(6) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali –*
>
> > *(a) għandu jiġi infurmat bil-miktub, b'ilsien li huwa jifhem u bid-dettalji, dwar ix-xorta tar-reat li bih ikun akkużat;*
> > *(b) għandu jiġi mogħti żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;*
> > ...

*(d) għandu jiġi mogħti faċilitajiet biex jeżamina personalment jew permezz tar-rappreżentant legali tiegħu x-xhieda msejħa mill-prosekuzzjoni quddiem kull qorti u li jikseb l-attendenza ta' xhieda suġġett għall-ħlas tal-ispejjeż raġonevoli tagħhom, u jagħmel l-eżami tax-xhieda li jkunu ser jixhdu għalih quddiem il-qorti bl-istess kundizzjonijiet bħal dawk li jgħoddu għal xhieda msejħa mill-prosekuzzjoni; u*

*(e) għandu jitħalla li jkollu bla ħlas l-għajnuna ta' interpretu jekk ma jkunx jista' jifhem l-ilsien użat fil-proċeduri dwar l-akkuża ... .".*

14. L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporat fit-Tieni Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta, jipprovdi illi:

*"(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi eskluż mill-proċeduri ... ."*

*(2) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix ippruvat ħati skont il-liġi.*

*(3) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin:*

*(a) li jkun infurmat minnufih, b'lingwa li jifhem u bid-dettal, dwar in-natura u r-raġuni tal-akkuża kontra tiegħu;*
*(b) li jkollu żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;*
*(ċ) li jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk;*
*(d) li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontra tiegħu u li jottjeni l-attendenza u l-eżami ta' xhieda favur tiegħu taħt l-istess kundizzjonijiet bħax-xhieda kontra tiegħu;*
*(e) li jkollu assistenza b'xejn ta' interpretu jekk ma jkunx jifhem jew jitkellem il-lingwa użata fil-qorti."*

15. Ir-rikorrenti tilmenta li l-Avukat Ġenerali għandu diskrezzjoni assoluta fil-mod kif joħroġ l-att tal-akkuża, u bid-deċiżjoni tiegħu li jakkuża lir-rikorrenti u lil Angelo Bilocca fl-istess att ta' akkuża, huwa qiegħed arbitrarjament jimpedixxi lir-rikorrenti milli tipproduċi lil Angelo Bilocca bħala xhud, liema

xhud huwa essenzjali u kruċjali għad-difiża tar-rikorrenti. Ir-rikorrenti tgħid li l-imsemmija deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali hija leżiva tal-jedd tagħha għal smigħ xieraq. Dak li qiegħda tilmenta minnu r-rikorrenti huwa essenzjalment dak li jipprovdi għalih l-artikolu 636(b) tal-Kodiċi Kriminali, spjegat aħjar fid-digriet mogħti mill-Qorti Kriminali fit-22 ta' Diċembru, 1998 fil-proċeduri fl-ismijiet '**Ir-Repubblika ta' Malta *vs.* Ian Farrugia**', fejn il-Qorti qalet:

> *"Persuna li tkun akkużata, kemm bħala kompliċi kif ukoll bħala ko-awtur, bl-istess reat miġjub kontra dak l-akkużat l-ieħor ma tistax tinġieb bħala xhud favur jew kontra dak l-akkużat l-ieħor sakemm il-każ tagħha ma jkunx ġie definittivament deċiż u li dan il-prinċipju japplika sija jekk dik il-persuna tkun ġiet akkużata fl-istess kawża tal-akkużat l-ieħor – b'mod li jkun hemm 'ko-akkużati' fil-veru sens tal-kelma – u sija jekk tkun akkużata fi proċeduri separati. Il-bażi ta' dan il-prinċipju hu l-argument* 'a contrario sensu' *li jitnissel mill-paragrafu (b) tal-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali".*

16. L-intimat Avukat Ġenerali jgħid li l-azzjoni tar-rikorrenti hija waħda intempestiva, u dan għaliex il-proċess kriminali fil-konfront tagħha għadu ma ġiex mitmum, u għalhekk ma jistax jintqal minn issa b'liema mod ser jisfa leż il-jedd tagħha għal smigħ xieraq. Il-Qorti tqis li f'dan il-każ, jekk kif qiegħed jinsisti l-Avukat Ġenerali, il-kwistjoni dwar l-ammissibilità tax-xhieda ta' Angelo Bilocca titħalla għal waqt is-smigħ tal-ġuri, l-unika deċiżjoni li tista' tieħu l-Qorti Kriminali f'dan ir-rigward hija li Angelo Bilocca ma jistax jiġi prodott bħala xhud. Dan meta l-istess Bilocca f'*affidavit* li ppreżentat ir-rikorrenti f'dawn il-proċeduri, qiegħed jgħid li huwa m'għandu l-ebda oġġezzjoni li jixhed jew li l-każ tiegħu jinstema' qabel dak tar-rikorrenti, f'każ li l-proċeduri kontra tiegħu jitmexxew separatament, sabiex ladarba l-proċeduri fil-konfront tiegħu jiġu deċiżi definittivament, huwa jkun jista' jitqies bħala xhud ammissibbli fil-proċeduri kontra r-rikorrenti.

17. Il-Qorti tirrileva li f'dawn il-proċeduri hija mhijiex qiegħda tintalab tiddeċiedi dwar il-ħtija *o meno* tar-rikorrenti, imma dwar jekk kienx hemm jew jistax ikun hemm leżjoni tal-jeddijiet fundamentali tar-rikorrenti għaliex l-akkużi miġjuba kontra tagħha qegħdin jinstemgħu flimkien ma' dawk miġjuba kontra l-persuna ko-akkużata magħha, Angelo Bilocca. Kienu diversi d-deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna fejn ġie deċiż li meta hemm raġunijiet sufficjenti biex il-Qorti ssib li hemm jew li ser ikun hemm leżjoni tad-drittijiet fundamentali, m'hemmx għalfejn li l-Qorti toqgħod tistenna li jitkomplew il-proċeduri kriminali jew li jibda s-smigħ tal-ġuri, għaliex jekk il-Qorti tagħmel dan, jaf ikun tard wisq għall-parti li qiegħda tilmenta minn tali leżjoni. Din il-Qorti tirrileva li l-akkużi miġjuba kontra r-rikorrenti jistgħu jfissru li f'każ ta' ħtija, hija tista' teħel piena karċerarja sostanzjali jekk mhux saħansitra għomorha l-ħabs, u għalhekk huwa mill-aktar impellenti li l-jeddijiet fundamentali tagħha jitħarsu u li hija titħalla tipproduċi x-xhieda kollha li jistgħu jitfgħu dawl fuq il-fatti kif seħħew, sabiex jiġi assigurat li l-ġustizzja ssir u tidher li qiegħda ssir. L-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jagħmilha ċara li fi proċeduri kriminali, il-prosekuzzjoni u d-difiża għandu jkollhom 'armi pari', fis-sens li x-xhieda prodotti minn kull wieħed mill-partijiet, għandhom joqogħdu għall-kontroeżami tal-parti l-oħra, u kull waħda mill-partijiet għandu jkollha dritt daqs il-parti l-oħra li tipproduċi x-xhieda tagħha in sostenn tad-difiża tagħha. Dan l-artikolu tal-liġi jimplika wkoll li għandu jkun hemm sens ta' ġustizzja matul il-proċess kriminali kollu, u anki qabel jibda l-proċess proprju. Filwaqt li huwa minnu li kif jgħid l-Avukat Ġenerali, id-deċiżjoni dwar jekk inkisirx id-dritt fundamentali għal smigħ xieraq, għandha tittieħed fid-dawl tal-proċess sħiħ u mhux ta' mument partikolari tiegħu, din il-Qorti tirrileva li l-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 4(1) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea jagħtu l-jedd għal rimedju mhux biss lil min ikun

inkiser il-jedd fundamentali tiegħu, iżda anki lil min dak il-jedd "aktarx" li jkun sejjer jinkisirlu. Għaldaqstant ma jistax jingħad li dawn il-proċeduri ppreżentati mir-rikorrenti huma intempestivi.

18. Il-Qorti tagħmel riferiment għas-sentenza fl-ismijiet **Charles Steven Muscat *vs.* Avukat Ġenerali**, deċiża minn din il-Qorti kif diversament preseduta fit-8 ta' Ottubru, 2012:

> *"Din il-Qorti ttenni illi l-jedd li jagħtu l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni huwa dak għal smigħ xieraq: ma hemm ebda jedd li kull min hu akkużat b'reat kriminali jiġi liberat minn dik l-akkuża, jew li l-akkużat jingħata l-mezzi biex, ħati jew mhux, jinħeles mill-akkuża, jew li, minħabba xi irregolarità, tkun xi tkun, min fuq il-fatti għandu jinstab ħati għandu jitħalla jaħrab il-konsegwenzi ta' għemilu. Il-jedd għal smigħ xieraq jingħata kemm biex, wara proċess fi żmien raġonevoli u bil-garanziji xierqa, min ma huwiex ħati ma jeħilx bi ħtija, u biex jingħata l-mezzi kollha meħtieġa għalhekk, u kemm biex min huwa tassew ħati ma jaħrabx il-konsegwenzi tal-ħtija tiegħu. Il-jedd għal smigħ xieraq ma jingħatax biex min hu tassew ħati jasal biex, b'xi mod jew ieħor, ma jweġibx tal-ħtija tiegħu. Jekk il-jedd għal smigħ xieraq, kif interpretat u applikat, iwassal għal hekk, mela hemm xi ħaġa ħażina ħafna fis-sistema tal-ħarsien tad-drittijiet."*

19. Fl-eżerċizzju li trid tagħmel il-Qorti f'dawn il-proċeduri, hija għandha tiżgura li bid-deċiżjoni tiegħu li joħroġ att ta' akkuża wieħed fil-konfront tar-rikorrenti u ta' Angelo Bilocca, l-Avukat Ġenerali ma ħoloqx ir-riskju li r-rikorrenti tista' tiġi mċaħħda minn difiża xierqa u minn proċess ġudizzjarju li jassigura li ma tinstabx ħtija f'min mhux ħati, u min huwa ħati, jiġi kkastigat ta' għemilu. Il-prinċipju tal-parità tal-armi (*equality of arms*) enunċjat fid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, ġie spjegat b'dan il-mod mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza fl-ismijiet **Kress *vs* France** (Applikazzjoni numru 39594/98), deċiża fis-7 ta' Ġunju, 2001,

> *"requires each party to be given a reasonable opportunity to present his case under conditions that do not place him at a substantial disadvantage vis-à-vis his opponent."*

20. Ir-rikorrenti qiegħda tilmenta li meta l-Avukat Ġenerali uża d-diskrezzjoni tiegħu u ressaq att ta' akkuża wieħed fil-konfront tar-rikorrenti u ta' Angelo Bilocca, dan ċaħħad lir-rikorrenti mill-possibilità li tressaq lil Angelo Bilocca bħala xhud fil-proċeduri kontriha, b'mod li hija sfat żvantaġġata. Il-Qorti tirrileva li sa mill-bidu nett tal-proċeduri kriminali fil-konfront kemm tar-rikorrenti kif ukoll ta' Angelo Bilocca, dawn kienu meqjusa bħala kompliċi jew aċċessorji għall-istess reat, u senjatament li assoċjaw ruħhom ma' terzi bil-ħsieb li jimpurtaw, ibigħu jew jittraffikaw mediċina jew droga oħra bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, li ppromwovew, ikkostitwew, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assoċjazzjoni, u fil-każ tar-rikorrenti li hija reċidiva u li ssoprimiet jew b'xi mod qerdet jew bidlet it-traċċi jew l-indizji ta' reat meta ppruvat tarmi jew taħbi provi fil-ħin li indunat li fir-residenza fejn kien qiegħed isir l-att kien hemm il-Pulizija. Jirriżulta li Priscilla Cassar u Angelo Bilocca qegħdin f'relazzjoni bejniethom, u Angelo Bilocca qiegħed jinsisti li huwa dispost li jixhed fil-proċeduri kontra r-rikorrenti, jew inkella li ma jopponix li l-proċeduri kriminali kontra tiegħu jintemmu qabel dawk kontra r-rikorrenti, sabiex ladarba l-każ tiegħu ikun finalment deċiż, huwa jkun liberu li jagħti x-xhieda tiegħu fil-proċeduri kontra r-rikorrenti Cassar. Il-Qorti qieset li fil-proċeduri kriminali kontra Priscilla Cassar u Angelo Bilocca hemm terzi involuti li ġew akkużati separatament, u li naturalment taw il-verżjoni tagħhom tal-fatti kif ġraw u li b'dak li qalu kienu ta' assistenza għall-prosekuzzjoni sabiex waslet li takkuża lir-rikorrenti u lil Angelo Bilocca. Qieset ukoll li l-prinċipju tal-parità tal-armi jesiġi li kull parti għandha tingħata l-opportunità li tressaq ix-xhieda tagħha u li tagħmel il-kontroeżamijiet

meħtieġa. Il-possibilità li xhud jiġi prodott u jintalab jixhed fi proċeduri kriminali, tiddependi fuq jekk dak ix-xhud hux ser jilledi xi wieħed mid-drittijiet fundamentali tiegħu jekk jixhed, ewlieni fosthom il-jedd li ma jinkriminax lilu nnifsu b'dak li jgħid. Fil-każ odjern ma jirriżultax li Angelo Bilocca sejjer jinkrimina lilu nnifsu f'każ li dan jiġi prodott biex jixhed, wara li l-proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu jkunu ntemmu definittivament. Ir-rikorrenti qiegħda tinsisti li bil-mod kif l-Avukat Ġenerali uża d-diskrezzjoni mogħtija lilu sabiex iressaq lilha u lil Angelo Bilocca taħt att ta' akkuża wieħed, hija qiegħda ssofri żvantaġġ sostanzjali għaliex ma tistax tressaq lil Angelo Bilocca bħala xhud sabiex jagħti l-verżjoni tiegħu tal-fatti kif seħħew. Jekk Angelo Bilocca jkun f'pożizzjoni li jista' jixhed, il-prosekuzzjoni jkollha jedd tagħmillu l-kontroeżami, u din il-Qorti tqis li b'dan il-mod il-ġurati li jkunu ser jagħtu l-verdett tagħhom dwar il-ħtija o meno tar-rikorrenti, ikunu f'qagħda aħjar biex jaslu għal deċiżjoni li tassigura li ssir ġustizzja.

21. Minn dak li xehed l-Assistent Kummissarju tal-Pulizija Dr Dennis Theuma f'dawn il-proċeduri, jirriżulta li ma kien hemm l-ebda raġuni partikolari għalfejn l-Avukat Ġenerali ddeċieda li jressaq lir-rikorrenti u lil Angelo Bilocca taħt att ta' akkuża wieħed. In tema legali jsir riferiment għal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Bugeja *vs.* Avukat Ġenerali,** mogħtija fit-3 ta' Frar, 2014, fejn il-Qorti Kostituzzjonali għamlet din l-osservazzjoni:

> *"Lanqas is-separazzjoni tal-proċessi ma toħloq xi preġudizzju illeġittimu. Jekk, minħabba f'dik is-separazzjoni, ikunu jistgħu jinstemgħu xhieda li, li kieku l-proċessi ma nfirdux, ma kinux ikunu jistgħu jixhdu, u hekk tinkixef xi verità li ma tkunx taqbel jew togħġob lill-attur, b'hekk ma jinkiser ebda dritt, għax l-attur m'għandu ebda jedd illi jippretendi illi xhieda ma tingħatax sempliċiment għax sfavorevoli għalih."*

22. Għalkemm is-sitwazzjoni odjerna hija dik inversa, din il-Qorti tinsab konvinta li jekk il-proċessi jiġu separati u jinħolqu ċirkostanzi fejn Angelo Bilocca jkun jista' jitqies li huwa xhud ammissibbli, il-prosekuzzjoni mhijiex ser tispiċċa żvantaġġata minħabba f'dak li għandu xi jgħid Angelo Bilocca. Semmai il-prosekuzzjoni jkollha jedd tagħmel il-kontroeżami tagħha, anki abbażi ta' provi u xhieda oħra li ser jinstemgħu waqt il-ġuri u għalhekk m'hemmx il-biżgħa li b'dak li ser jgħid Angelo Bilocca, il-każ tal-prosekuzzjoni b'xi mod ser jiġi ppreġudikat. Hemm salvagwardji legali u proċedurali suffiċjenti fis-sistema ġudizzjarja tagħna sabiex dan ma jiġrix. Il-Qorti tqis li f'każ li l-ġuri tar-rikorrenti jiġi appuntat u jinstema' wara li jiġi determinat il-proċess fil-konfront ta' Angelo Bilocca, il-garanziji kostituzzjonali u konvenzjonali mfassla biex jissalvagwardjaw smigħ xieraq u parità tal-armi lid-difiża u lill-prosekuzzjoni, mhux ser jiġu mfixkla jew mittiefsa.

23. L-artikolu 591 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li,

> *"Akkużi kontra żewġ persuni jew aktar bħala awturi jew kompliċi fl-istess reat, jew bħala ħatjin ta' reati diversi li jkollhom konnessjoni bejniethom,* ***jistgħu*** *jinġiebu f'att ta' akkuża wieħed u iġġudikati kollha fl-istess kawża, għalkemm xi wieħed minn dawn ir-reati jkun ta' kompetenza inferjuri."*

24. Huwa ċar għalhekk li l-Avukat Ġenerali għandu diskrezzjoni fil-mod kif jagħżel li jipproċedi fil-każ ta' żewġ persuni li jkunu meqjusa li huma ko-awturi jew kompliċi fl-istess reat, u għalhekk ma jistax jingħad li f'dan il-każ l-eżerċizzju ta' din id-diskrezzjoni kien wieħed arbitrarju. Iżda fin-nuqqas ta' spjegazzjoni ċara dwar ir-raġuni għalfejn il-prosekuzzjoni għażlet li tipproċedi kontra r-rikorrenti u kontra Angelo Bilocca taħt l-istess att ta' akkuża, għajr għas-soliti raġunijiet ta' ekonomija tal-ġudizzju, u in vista tal-konsegwenza ta' din id-deċiżjoni, li ser twassal biex Angelo Bilocca ma jkunx jista' jixhed fil-

proċeduri kontra r-rikorrenti, din il-Qorti tqis li ser jinħoloq preġudizzju għar-rikorrenti, liema preġudizzju jista' jiġi evitat bis-separazzjoni tal-proċeduri kontra l-ko-akkużati. Hawn il-Qorti tagħmel riferiment għal dak li tgħid **Karen Reid** fil-ktieb ***A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights*** *(2019),* fejn din tagħmilha ċara illi,

> *"There is no right for suspects accused of involvement in the same crime to be tried together."*

25. Il-korollarju ta' dan huwa li lanqas ma jeżisti xi jedd awtomatiku biex f'każijiet bħal dak odjern, il-ko-akkużati jiġu pproċessati separatament. Madanakollu, in vista tal-fatti tal-każ odjern, il-Qorti qiegħda tikkonkludi li l-jeddijiet fundamentali tar-rikorrenti għal smigħ xieraq jistgħu jiġu ppreġudikati f'każ li tinħoloq sitwazzjoni fejn persuna meqjusa bħala kompliċi jew awtur magħha fil-fatt, ma jkollhiex l-opportunità li tixhed fil-proċeduri kontra r-rikorrenti, sabiex toħroġ il-verità kollha u tingħata stampa kompluta tal-fatti kif ġraw.

## <u>Decide</u>

**Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tiddikjara li bil-mod kif l-intimat Avukat Ġenerali qiegħed jakkuża lir-rikorrenti flimkien ma' Angelo Bilocca, x'aktarx li ser jikser id-dritt tagħha għal smigħ xieraq taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, u f'dan ir-rigward l-intimat Avukat Ġenerali għandu jiżgura li ma jseħħx l-imsemmi ksur.**

**Il-Qorti tordna wkoll lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex f'każ li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, jibgħat kopja ta' din is-sentenza lill-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati kif stabbilit fl-artikolu 242 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

**Spejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jitħallsu mill-intimat Avukat Ġenerali.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**